# L-Istabbilimenti ta' Akkomodazzjoni Kollettiva: It-Tielet Kwart tal-2023

NR211/2023 Data tal-Ħruġ: 23 ta' Novembru 2023

*Fit-tielet kwart tal-2023, l-għadd kollu ta' persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta' akkommodazzjoni kollettiva laħaq is-662,593, filwaqt li l-għadd kollu tal-iljieli mqattgħin kien ta' 3,242,318.*



Fit-tielet kwart tal-2023, il-biċċa l-kbira ta' dawn l-iljieli kienu mgħoddijin f'lukandi ta' erba' stilel bi 48.9 fil-mija tal-għadd sħiħ (Tabella nru 2).

Meta mqabbel mal-istess perjodu ta' sena qabel, it-tul medju ta' dawn iż-żjajjar fl-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni kollettiva niżel għal 4.9 ljieli (Tabelli nri 2 u 3). L-użu nett ta' sodod kien ta' 77.9 fil-mija, żieda ta' 5.4 punti perċentwali meta mqabbel mal-istess perjodu fl-2022 (Tabella nru 3).

F'Settembru li għadda, f'pajjiżna kien hawn 284 stabbiliment ta' akkomodazzjoni kollettiva li bejniethom kellhom 20,129 kamra tas-sodda u 45,861 sodda (Tabella nru 4).

**Analiżi tar-reġjuni**

Fit-tielet kwart tal-2023, l-għadd sħiħ ta' persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta' akkomodazzjoni kollettiva f'Malta kien ta' 623,754, li huwa żieda ta' 14.4 fil-mija fuq l-istess perjodu ta' sena qabel. Kien hemm ukoll żieda ta' 10.1 fil-mija fl-għadd ta' ljieli mqattgħin sabiex dawn laħqu t-3,114,830. F'Għawdex u Kemmuna, il-persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta' akkomodazzjoni kollettiva żdiedu bi 30.8 fil-mija sabiex laħqu t-38,839, filwaqt li l-iljieli li għamlu żdiedu bi 22.1 fil-mija sabiex laħqu l-127,488 (Tabelli nri 1 u 2).

Meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena ta' qabel, it-tul medju taż-żjajjar f'Malta niżel b'0.2 ta' lejl u kien ta' 5.0 iljieli. It-tul medju taż-żjajjar kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex u Kemmuna nizel b'0.2 ta' lejl u kien 5.0 iljieli u 3.3 iljieli, rispettivament. F'Malta, l-użu nett ta' sodod żdied b'5.3 punti perċentwali sabiex laħaq it-78.5 fil-mija, filwaqt li dak f'Għawdex u Kemmuna żdied bi 8.7 punti perċentwali u laħaq il-65.6 fil-mija (Tabella nru 3).

**Jannar-Settembru 2023**

Sa l-ewwel tliet kwarti tas-sena, l-għadd sħiħ ta' persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbiliment ta' akkomodazzjoni kollettiva laħħaq il-1,707,924, li huwa żieda ta' 26.9 fil-mija meta mqabbel mal-istess żmien ta' sena qabel (Tabella nru 1). It-total ta' ljieli mqattgħin żdied b'21.5 fil-mija u laħaq l-7,585,933 lejl (Tabella nru 2). L-użu nett tas-sodod żdied b'10.0 punti perċentwali sabiex laħaq l-64.5 fil-mija (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta' persuni li qattgħu xi ljieli fi stabbilimenti ta' akkomodazzjoni kollettiva u l-għadd ta' ljieli mqattgħin

